MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

**MAGISTRAT DR.**
**MALLIA MICHAEL LL.D.**

Seduta ta' 28 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 1000/2000/1

**Carmelo Caruana Company Limited**

**Vs**

**Traplas Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fl-4 ta' Awissu, 2000, fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta illi thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u wiehed u sebghin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm271.70) dovut wara servizzi rezi lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 5 ta' Mejju, 2000, bl-imghax legali, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet illi:

1. Safejn taf is-socjeta’ ecipjenti, s-socjeta’ attrici ma rrendiet ebda servizzi lis-socjeta’ ecipjenti;
2. Is-socjeta’ ecipjenti m’ghandha taghti xejn lis-socjeta’ attrici;
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri, b’mod partikolari wara li s-socjeta’ attrici tispecifika x’inhuma s-servizzi li qeghda tghid li ghamlet.

Rat in nota tas-socjeta’ attrici tal-21 ta’ Gunju, 2001, fejn it-talba giet ridotta b’mitt lira Maltin (Lm100.00);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi qabel ma l-Qorti tghaddi biex tikunsidra l-mertu, jkun opportun li tiderimi l-kwistjoni mqajjma mis-socjeta’ konvenuta fin-Nota ta’ l-Osservazzjonijiet taghha.

F’din in-nota s-socjeta’ konvenuta qeda taghmel enfasi fuq il-kelma “servizzi” uzata mis-socjeta’ attrici fl-Avviz. Skond is-socjeta’ konvenuta t-talba reklamata mis-socjeta’ attrici mhijiex ghal servizzi imma ghal penali talli s-socjeta’ konvenuta zammet xi *containers* oltre z-zmien patwit bejnithom.

Is-socjeta’ konvenuta qeda tghid illi ladarba s-socjeta’ attrici wzat il-kelma “servizzi” ma tistax issa l-Qorti tmur oltre dawk il-binari u tiddeciedi mod iehor jekk irrizulta illi l-ammont dovut mhuwiex ghal servizz imma ghal penali.

Ikkunsidrat:

Filwaqt illi l-Qorti taqbel mal-gurisprudenza kkwotata mis-socjeta’ konvenuta fil-kuntest tal-argument migjub, tosserva illi dawk is-sentenzi gew moghtija fis-Superjuri. Fl-Inferjuri s-sitwazzjoni hija daqsxejn differenti fejn il-Qorti tal-Magistrati mhijiex obbligata toqghod fuq dawk l-estremi

tal-binari illi ndikat dik il-gurisprudenza msemmija mis-socjeta' konvenuta.

Din il-Qorti tifhem li filwaqt li fil-Qorti tal-Magistrati fil-kamp Civili ma tistax tmur oltre t-talba fl-Avviz, ma hemm xejn x'jimpediha li tvarja l-kawzali sakemm dawn ma jmurx kontra x'impediment procedurali ta ordni rigoruz. Fi kliem iehor fl-Inferjuri l-Qorti ma tistax tmur 'extra petita' imma tista b'certa kawteli tmur 'ultra petita'.

Ghalhekk fi sforz biex ma jsirx xi omagg lejn formalizmu esagerat li ghandu dejjem jigi evitat anki fis-Superjuri (ara Michael Attard noe. vs Raymond Galea, Appell 12 ta' Mejju, 1998). Din il-Qorti ma tarax xi nuqqas esagerat jew xi pregudizzju ghad-drittijiet tas-socjeta' konvenuta bl-uzu tal-kelma "servizzi" flok uzu ta' kelma aktar addattata. Wara kollox kif tajjeb ghallem id-dritt Ruman "falsa demonstratio non nocet."

Ghal dak illi jirigwarda l-meritu, John Farrugia a Fol 37 xehed illi normalment importatur ghandu ghaxart ijiem sabiex jaghmel il-procedura necessarja u jikklirja *container* u jaghtih lura lis-sid. F'dan il-kaz irrizulta mhux kontestat li s-socjeta' attrici kellha xi *containers* proprejta' taghha li kienu wzati mis-socjeta' konvenuta. Jidher illi kien hemm xi *containers* illi nzammu mis-socjeta' konvenuta ghal aktar minn ghaxart ijiem u ghalhekk kien dovut ammont lis-socjeta' attrici ghal dan in-nuqqas.

Is-Sur John Farrugia spjega illi sar depozitu ta' hamsin lira Maltin (Lm50.00) fuq kull *container* u peress illi kien hemm x'ammont akkreditat lis-socjeta' konvenuta, fil-mori ta' din il-kawza giet ipprezentata nota ta' riduzzjoni biex b'hekk l-ammont dovut lis-socjeta' attrici issa huwa ta' mija u wiehed sebghin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm171.70) minflok mitejn u wiehed u sebghin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm271.70).

Meta s-Sur Farrugia kellem lil Robert Abela in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta, filwaqt li Abela ma kkontestax is-servizz moghti, allega biss illi kellu *verbal*

*agreement* mas-socjeta' attrici biex ma jhallasx *demurrage*.

Meta s-Sur Farrugia vverifika mad-diretturi tas-socjeta' attrici hadd minnhom ma kkonferma dan il-ftehim. Farrugia spjega kif l-ammont dovut jirrizali ghal diversi konsenji mill-1998 sa' l-1999. Gew esebiti b'dokument a Fol 10 l-kontijiet kollha u kif is-socjeta' attrici waslet ghall-ammont reklamat fl-Avviz.

Min-naha l-ohra, Robert Abela in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta xehed a Fol 45, li s-socjeta' minnu rapprezentata ddawwar mal-hmistax u ghoxrin (15 – 20) *container* kull xahar. Dawna jigu mahduma mis-socjeta' Clearing and Forwarding Limited, li hija socjeta' ta' burdnara mqabbda mis-socjeta' konvenuta.

Meta Robert Abela mar jivverifika mall-burdnar, dan assigurah li l-*containers* kienu kollha f'posthom fi zmien ghaxart ijiem. Dwar depoziti ma kien jaf xejn u ma kienx awtorizza xi forma ta' tpacija bejn id-depoziti u l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici. Qal illi jiehdu hsieb kollox il-burdnara u li probabbilment li l-i*statements* esebiti fil-process kien ircevihom.

Ma ridx ihallas ghaliex, skond hu, ghandu ftehim verbali li:
1. Ma jhallasx *demurrage*; u
2. Ghaliex il-burdnar Charles Abela qallu li l-*containers* kien kollha f'posthom (Fol. 48).

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' din il-prova l-Qorti ssib illi dik maghmula mis-socjeta' attrici hija aktar veritiera minn dik ta' Robert Abela. Filwaqt illi s-socjeta' attrici kellha *statements* x'tesbixxi bhala prova ghall-ammont reklamat, Robert Abela ma esebixxa l-ebda dokument u qaghad biss fuq allegazzjoni unilaterali illi ma gietx ikkonfermata la b'xi dokument u lanqas mill-parti opposta. Barra minhekk il-piz ta' l-eccezzjoni tieghu tistrih fuq allegazzjoni ta' burdnar illi ma giex jixhed quddiem din il-Qorti, liema

allegazzjoni tibqa' biss tali, mibnija fuq dak li qal haddiehor (*hearsay*).

Ovvjament il-Qorti ma tistax toqghod fuq din il-mizera prova illi ppruvat iggib is-socjeta' konvenuta. U hdejn ic-certezza illi ghandha t-tezi tas-socjeta' attrici, il-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju illi t-talba taghha timmerita konferma.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tiilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta illi thallsha s-somma ta' mija u wiehed u sebghin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm171.70) dovuta mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez u l-imghax legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz kontra s-socjeta' konvenuta.

Anthony Zammit
Deputat Registratur